MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 260/2013

**John Abela Limited**
**(C 18181)**

**vs**

**Malta Freeport Terminals Limited**
**(C 27581)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-3 ta' Settembru 2013 fejn is-socjeta rikorrent talbet lill-Qorti tiddikjara illi s-socjeta konvenuta kienet responsabbli ghall-hsarat ikkagunat minnha, impjegati taghha jew kuntratturi taghha b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza sewwa, liema hsarat gew ikkagunati fuq trailer u truck nru HHQ 061, propjeta tas-socjeta attrici, li sehh fid-19 ta' Gunju 2013 gewwa l-port operat mill-istess socjeta intimata.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ippresentata fil-25 ta' Settembru 2013 fejn laqghet ghal dak mitlub billi sahqet illi kienet ir-responsabbilta' tas-sewwieq tat-trailer tas-socjeta rikorrenti, ossija Luke Farrugia, illi jassikura ruhu illi t-trailer jitqieghed b'mod korrett taht il-container sabiex ikun jista jitghabba. Sahqet ukoll illi t-trailer in kwistjoni ma kienx adegwat ghal garr tal-containers peress illi kellha parti wieqfa fuq quddiem. Kien ghalhekk, is-socjeta

intimata tenniet, illi hija ma kellha ebda resposbabbilta' fl-incident, izda sehh unikament tort tas-socjeta rikorrenti.

Semghet ix-xhieda ta' **Carmelo Abela**, direttur u managing director tas-socjeta rikorrenti, moghtija fit-18 ta' Novembru 2013.

Rat l-affidavit ta' **Luke Farrugia**, sewwieq tat-truck HHQ 061, ippresentat fis 17 ta' Jannar 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Paul Ellul**, surveyor imqabbad mis-socjeta intimata, moghtija fl-14 ta' April 2014 u rat ukoll id-dokumentazzjoni minnu esebita fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2014, meta l-istess xhud xehed izda t-traskrizzjoni ma setghetx tigi riprodotta minhabba f'problemi teknici.

Semghet ix-xhieda ta' **Jesmar Caruana**, operatur tal-crane illi garr il-container li tghabba fuq it-trailer HHQ 061, moghtija fl-14 ta' April 2014.

Rat illi fl-14 ta' April 2014 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Adrian Mallia**, operations manager tas-socjeta intimata, moghtija fid 9 ta' Gunju 2014, u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet il-kontro ezami ta' **Luke Farrugia**, moghtija fid 9 ta' Gunju 2014.

Rat illi fit 13 ta' Novembru 2014 is-socjeta intimata iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat illi ma dahhlu ebda sottomissjonijet ulterjuri.

**Ikkunsidrat**

Il-kaz odjern jirrigwarda incident li sehh waqt illi kien qieghed jitghabba container mizmum gewwa l-Freeport fuq trailer tas-socjeta rikorrenti.

L-unika xhieda okulari ta' l-incident imressqa quddiem dina l-Qorti kienu x-xufier tat-trailer illi eventwalment gratlu l-hsara, ossija Luke Farrugia, u l-operatur tal-crane, ossija Jesmar Caruana, li kien qieghed igorr il-container u li ghabba il-container fuq it-trailer tas-socjeta rikorrenti u, fil-process, ikkawza hsarat lill-istess trailer.

Ix-xhieda l-ohra prodotti quddiem il-Qorti huma is-surveyor, illi ra il-hsarat wara li gara l-akkadut, u ir-rappresentanti taz-zewgt partijiet, li xehdu dwar metodologija illi tigi adoperata generalment fil-Freeport u dwar l-argumentazzjonijet taghhom ghaliex il-Qorti ghandha ssib favur taghhom.

Ghalhekk, tenut kont ta' dan, il-Qorti ser ikollha taghti ferm aktar importanza lill-verzjonijiet taz-zewgt xhieda okulari, milli lix-xhieda l-ohra.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, bhala fatt, illi t-trailer tas-socjeta rikorrenti, trailer TR 274 misjuq minn truck bin-numru ta' registrazzjoni HHQ 061, u li jidher fir-ritratti esebiti a fol 63 sa 70 tal-process, kien trailer maghruf bhala 'flat bed', illi fuqu jista jitghabba kull tip ta' konsejna, inkluz containers ta' l-40 pied bhalma kien dak fil-kaz odjern, u kellu fuq quddiem tieghu parti wieqfa, gholja madwar zewgt piedi.

Jirrizulta illi, ghalkemm tali tip ta' trailer ma huwiex wiehed intiz unikament sabiex igorr il-containers, peress illi ma kellhux sistema ta' 'twist lock nuts' intizi biex jorbtu il-container mat-trailer, tali trailer kien utilizzabbli ghall-garr tal-containers, ghalkemm is-socjeta intimata insistiet illi tali trailer ma kienx tajjeb ghal garr tal-containers, liema fatt jikkontrasta l-posizzjoni mehduha mill-crane operator fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti fejn, fuq domanda tal-Qorti, ikkonferma illi ghalih "dan it-trailer kien wiehed qisu bhal ta' l-ohrajn."

Jirrizulta wkoll, bhala fatt, illi hekk kif kien qieghed jitnizzel il-container fuq it-trailer, dana laqat il-parti l-wieqfa tat-trailer u, bhala rizultat, ghawweg kemm din il-partiet l-wieqfa kif ukoll it-trailer inniffsu.

Jirrizulta wkoll bhala fatt, illi l-procedura adoperata gewwa l-Freeport ghat-taghbija ta' tali containers hija illi l-crane operator, li l-kabina tieghu tkun madwar erba sulari 'l fuq, jmexxi l-container minn fejn ikun stivat u jgibu fejn ikun hemm it-trailer gia wieqaf. Sussegwentement, jipprocedi sabiex inizzel il-container ghal fuq it-trailer u jieqaf mahdwar erba piedi 'l fuq mit-trailer, sabiex ix-xufier tat-trailer ikun jista jimmanuvra it-trailer tieghu 'l quddiem jew lura sabiex jigi assikurat illi l-container jitqieghed korrettement fuq it-trailer li jkun wieqaf. Eventwalment, meta l-crane operator jara illi t-trailer waqaf jaghmel il-manuvri tieghu, jghaddi biex inizzel il-container fuq it-trailer u, la darba jitghabba fuq it-trailer, il-crane jerggha jitla minghajr il-container filwaqt illi t-trailer jitlaq bit-taghbija tieghu.

**Ikkunsidrat**

Ix-xufier tat-trailer, Luke Farrugia, fix-xhieda tieghu, jghid illi ghalkemm huwa kien jaf li l-procedura kienet illi meta jinzel container, dana jieqaf madwar erbgha piedi 'l fuq sabiex huwa imbgha jippostja it-trailer kif suppost, peress illi kien ilu jahdem dana il-qasam ghal aktar minn sentejn, fil-kaz odjern, skond hu, il-container baqa' niezel minghajr ma waqaf erbgha piedi 'l fuq, u ghalhekk ghamel hsara lit-trailer.

L-operatur tal-crane, Jesmara Caruana, da parte tieghu, jghid illi, bhalma dejjem jaghmel fil-mijiet ta' manuvri li jaghmel kull jum, huwa nizzel il-container u waqqfu madwar erbgha piedi 'l fuq sabiex ix-xufier tat-trailer iqieghed it-trailer fil-posizzjoni korretta. Meta huwa ra illi t-trailer baqa' ma ccaqlaqx, huwa fehem illi t-trailer kien f'postu u pproceda biex inizzel il-container fuq it-trailer, u dana wassal biex sehh l-incident.

L-operatur tal-crane sahaq ukoll illi kien id-dover ta' min qieghed isuq it-trailer illi jassikura ruhu illi tali trailer kien f'pusizzjoni illi jilqa l-container ghal fuqu peress illi l-crane operator, minn erbgha sulari 'l fuq, ma huwiex f'posizzjoni jivverifika dan, u l-fatt li t-trailer ma kien

iccaqqlaq xejn wara illi huwa waqqaf il-container erbgha pied 'l fuq minnu kienet indikattiva ghalih illi huwa seta jnizzel il-container.

Il-Qorti tosserva illi, ghalkemm huwa minnu illi s-socjeta intimata kellha tassikura illi fil-facilita' taghha hija kellha operanti modalitajiet ta' xoghol illi kien jassikuraw li incidenti bhal dawn fil-kaz odjern ma jsehhux, tifhem ukoll illi x-xufier tat-trailer, Luke Farrugia, kien ben a korrent tal-proceduri li kienu qed jigu adottati ghat-taghbija tal-containers, peress illi kien ilu jmur hemm ghal diversi snin, u ghalhekk kien ben konxju ukoll tal-fatt illi kien jinkombi fuqu illi jassikura li, fil-mument illi qieghed jtnizzel il-container, it-trailer kien f'pusizzjoni illi jilqa' tali container minghajr komplikazzjonjiet.

Il-Qorti thoss illi huwa ferm inverosimili dak li qieghed jallega is-sewwieq tas-socjeta rikorrenti, Luke Farrugia, illi l-container nizel u ma waqafx erbgha piedi 'l fuq mill-container, u huwa ferm aktar plawsibbli illi l-container tnizzel u twaqqaf erbgha piedi l-fuq, bhalma dejjem isir, u Farrugia naqas milli jiehu l-prekawzjonjiet necessarji biex jivverifika illi t-trailer kien bi dritt taht il-container, haga illi huwa kellu obbligu jaghmel peress illi l-crane operator, minn erba sular' l fuq, bl-ebda mod ma kienx f'pusizzjoni illi jindika dan, u tali nuqqas wassal sabiex il-crane operator jipprocedi fl-operazzjoni tat-tnizzil tal-container, u peress illi t-trailer ma kienx ezattament taht il-container, l-istess container spicca biex laqat il-parti 'l wieqfa tat-trailer u strah fuq tali parti bir-rizultat illi kkawza hsarat kbar lill-istess trailer.

Ghalhekk, il-Qorti, filwaqt illi tirrileva illi jkun opportun li s-socjeta intimata tesplora l-possibilta li tipprovdi aktar facilitajiet lill-crane operators sabiex jaraw vizwalment l-operazzjoni kollha li qed jaghmlu minn fuq sa isfel, jirrizulta car illi, fil-kaz odjern, kienet ir-responsabbilta' tax-xufier tas-socjeta rikorrenti biex jara illi l-container ser jitnizzel korrettement u, kien in vista tan-nuqqas tieghu illi sehh l-incident meritu tal-kawza odjerna.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-partijiet u rat id-dokumentazzjoni kollha ppresnetata.

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Tilqa l-eccezzjonjiet kollha tas-socjeta intimata u ghalhekk

Tichad it-talbiet attrici kollha kif dedotti.

Spejjez tal-proceduri kollha ikunu a kariku tas-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------